**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Spiteri]**

**vs**

**Cheryl Callus**

**Kumpilazzjoni Numru: 120/2020**

**Illum, 6 ta' Lulju, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Cheryl Callus detentrici tal-karta tal-identita` numru 534393M akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-31 ta' Lulju, 2019, il-granet, il-gimghat, u x-xhur ta' qabel, gewwa Birkirkara, u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1) ikkommettiet serq aggravat minn 'TIPTOES Shoe Store', u/jew propjeta' ohra, ghad-detriment ta' 'TIPTOES Shoe Store', 'Level one', 'Sarex Ltd', Ivan Azzopardi ID. 702761M

u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq hu ikkwalifikat bil-'valur' u bil-persuna';

2) Approprjat ruhha billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; fejn il-haga fdata jew ikkunsinnata lilha giet minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju; fejn l-ammont ta' hsara maghmula hi aktar minn hamest elef euro (€5000).

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 279(b) u 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputata tal-akkuzi kif dedotti kontriha li giet ikkonfermata anke wara li nghatat zmien opportun sabiex tahsibha u stante li ikkoperat bis-shih mal-Prosekuzzjoni u li diga' hallset parti mir-rifurtiva, il-Qorti qed issib lill-imputata Cheryl Callus hatja tal-ewwel (1) akkuza u stante li t-tieni (2) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht Probation Order ghal zmien tliet (3) snin u liema ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza. B'dan illi fil-perjodu hija ghandha thallas ir-rimanenti somma.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputata Cheryl Callus ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigiex obduta.

---------------------------------------------
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**